**12 ta' Jannar, 1965**

**Imħallef:**

**Onor. Dr. Edoardo Magri, LL.D.**

Antonio Debono

*versus*

Teresa Debono

**Spoll — Komproprietà — Pussess ekwivoku — Sospensjoni ta' Ġudizzju.**

*L-azzjoni ta' spoll tista' tiġi eżerċitata anke meta l-ispoljanti jkollu l-komproprietà tal-ħaġa li tagħha l-ispoljat ikun sofra l-ispoll.*

*Meta l-pussess huwa ekwivoku u mhux manifest, il-Ġudizzju ta' spoll jista' jiġi sospiż biex it-Tribunal jidħol fil-meritu tal-leġittimità jew le tal-pussess jew detenzjoni pretiża mill-attur spoljat.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur — premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti

opportuni, peress li l-attur huwa l-inkwilin tal-fond 45, Immaculate Conception Street, Msida, u għalkemm ma joqgħodx fih għandu fl-istess fond l-effetti mobili tiegħu, u peress illi l-konvenuta kienet toqgħod f'dan il-fond u l-attur li huwa missierha kellu ċavetta tal-fond sabiex ikun jista' jidħol kull meta jrid; u peress illi f'dan l-aħħar żmien il-konvenuta l-ewwel biddlet *is-serratura ta' l-istess fond u* iktar tard ħadet l-oġġetti elenkati fin-nota markata Dok. A annessa maċ-ċitazzjoni minn ġewwa dan il-fond u poġġiethom band'oħra bil-moħbi ta' l-attur, u peress illi dawn jikkostitwixxu spoll għad-danni ta' l-attur — talab illi dina l-Qorti, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, prevja d-dikjarazzjoni li l-konvenuta kkommettiet spoll għad-danni ta' l-attur, tikkundanna l-konvenuta tirreintegra lill-attur fil-pussess billi terġa' *tqiegħed fil-bieb tal-fond* 45, Immaculate Conception Street, Msida, is-serratura li kien hemm u terġa' tirritorna l-oġġetti msemmija fin-nota Dok. A fil-fond fuq imsemmi fl-istess post fejn kienu u dan f'dak iż-żmien qasir u perentorju li jiġi ffissat mill-Qorti, bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-5 ta' Frar, 1964, u tal-mandat ta' sekwestru tas-7 ta' Marzu, 1964, kontra l-konvenuta;

OMISSIS;

Ikkunsidrat:

OMISSIS;

Li, ma jistax jingħad li l-attur mhuwiex detentur tal-post. Infatti, huwa għadu jħallas il-kera, għandu l-muftieħ, u kellu mobbli fih, qabel *ma ġiet imqiegħda* serratura oħra, li mpediet il-liberu aċċess ta' l-attur għall-fond in kwistjoni.

Li dana l-aġir tal-konvenuta ġie magħmul adinsaputa

ta' l-attur, u in piena vjolazzjoni tad-dritt tiegħu li, bħala inkwilin u detentur tal-muftieħ, huwa ntitolat għall-użu nkontrastat tal-fond. Il-konvenuta stess ammettiet l-ispoll, liema ċirkostanza tirriżulta wkoll mix-xhud Carmelo Debono (fol. 30) li kompla jgħid: Li ċ-ċavetta lil missieri (l-attur) tawhielu wara li kienu ħarġu l-affarijiet minn ġod-dar".

Li taħt dawn iċ-ċirkostanzi, billi ġie pruvat ukoll li ispoll ġie kommess "infra bimestre", il-konvenuta ma tista' tkun ammessa li tagħti ebda eċċezzjoni li mhix dilatorja qabel ma tkun reġgħet qegħdet il-ħaġa f'istat oriġinali u reġgħet qegħdet għal kollox fl-istat ta' qabel il-parti li tkun bagħtiet l-ispoll (art. 794(1), Proċ. Ċiv., P.A. in re "Preca vs. Irving", deċiża fis-6 ta' Ottubru, 1964).

Li l-attur għandu interess li jiġi reintegrat fil-liberu godiment tal-fond in kwistjoni, għaliex meta mietet martu kien hemm fil-fond xi għamara u ħwejjeġ oħra li ġew maħruġin minn hemm mill-konvenuta. Infatti l-istess konvenuta rrikonoxxiet li l-oġġetti ndikati fin-numri 1, 2 u 3 tal-lista esibita a fol. 4, ma kenux tagħha, u għalhekk almenu għal dawna l-oġġetti l-attur kellu motiv li jżomm iċ-ċavetta tad-dar billi dawna kienu taħt il-kustodju tiegħu wara li mietet martu, u sakemm issir il-qasma ta' l-assi relativ.

Li, għalhekk il-konvenuta hija tenuta li tirrimwovi mill-fond in kwistjoni s-serratura l-ġdida, biex l-attur ikun jista' jibqa' jisserva għall-aċċess fil-post bis-serratura oriġinali li tagħha huwa għandu l-muftieħ, bħala inkwilin.

**Ikkunsidrat:**

Li, rigward it-tieni kwistjoni, għandu jiġi rilevat li, a parti l-ispoll li ġie pruvat u ammess dwar it-tliet partiti tal-mobbli ndikati bin-numri 1, 2 u 3 tal-lista ġa fuq riferita,

il-konvenuta m'għandhiex tirrispondi għall-ispoll allegat mill-attur dwar l-oġġetti kollha l-oħra tal-lista msemmija għaliex mill-kumpless tal-provi dina l-Qorti rradikat il-konvinzjoni li l-effetti relativi kienu tal-konvenuta għax ġew mixtrija minnha bi flusha, jew akkwistati bi tpartit tal-kupuni ta' l-Ispell u tas-Surf.

Li, infatti huwa risaput li ma jistax ikun miżmum ħati ta' spoll, min jidisponi jew b'mod ieħor jagħmel użu ta' oġġetti proprji, għaliex kontra l-proprietà l-mera detenzjoni jew il-pussess ma jistgħux joħolqu drittijiet li jixirqilhom il-protezzjoni tal-liġi: "Qui suo jure utitur non videtur damnum facere", u għalhekk l-attur ma jistax jippretendi li bl-aġir tal-konvenuta sofra xi dannu, li tiegħu għandu dritt jitlob it-tutela u r-reintegrazzjoni mmedjata għaliex qatt ma kellu, u anqas seta' kellu l-pussess materjali u di fatto ta' l-istess oġġetti, billi dawn kienu ta' proprietà tal-konvenuta u dina kienet toqgħod fid-dar fejn kienu l-istess oġġetti qabel ma ġarrithom band'oħra magħha.

Ikkunsidrat:

Li huwa veru l-prinċipju li l-azzjoni ta' spoll, skond il-liġi, tista' tiġi eżerċitata anki meta l-ispoljanti jkollu l-komproprietà tal-ħaġa li tagħha l-ispoljat ikun sofra l-ispoll (Kollez. VI, 80, 129; XVI ii, 214; XIX ii, 99; XXX, i, 165; XXXV, ii, 365). Iżda fil-każ preżenti ma rriżultax li l-konvenuta għandha xi oġġett in komuni ma' l-attur, minn dawk ġa fuq riferiti fil-lista esibita a fol: 4, u għalhekk, anki taħt dana l-aspett l-azzjoni ta' l-attur rigward dawna l-oġġetti m'għandhiex fondament legali.

Li, inoltri, huwa risaput li meta l-pussess huwa ekwivoku u mhux manifest, il-ġudizzju ta' spoll jista' jiġi sospiż, bħal ma ġara, biex it-tribunal jista' jidħol fil-mertu tal-

leġittimità jew le tal-pussess jew detenzjoni pretiżi mill-attur spoljat (Kollez. X, 55; XXI, I, 489). Infatti l-attur jippretendi li l-oġġetti kollha tal-lista a fol: 4, kienu jappartjenu lilu u lil martu; kontra dina l-pretensjoni l-konvenuta ppruvat li dawna l-oġġetti, barra dawk ġa esklusi, huma ta' proprietà esklusiva tagħha, u li baqgħu dejjem fil-pussess tagħha, u f'dana s-sens il-pussess ta' l-attur ma jistax jingħad li huwa manifest, u kwindi jonqos wieħed mill-elementi li trid il-liġi għall-eżerċizzju ta' dina l-azzjoni rigward l-imsemmija oġġetti.

Għal dawn il-motivi:

Tiddeċiedi billi tilqa' t-talba ta' l-attur fis-sens li tiddikjara lill-konvenuta ħatja ta' spoll a rigward tas-serratura l-ġdida li hija poġġiet fil-post in kwistjoni, u a rigward ta' l-effetti mobbli ndikati bin-numri 1, 2 u 3 fil-lista a fol: 4, li hija rrimwoviet mill-istess post, u tikkundanna l-konvenuta tirreintegra lill-attur fil-pussess ta' l-istess post billi tneħħi mill-bieb ta' barra tal-fond in kwistjoni s-serratura l-ġdida u terġa' tiritorna fil-fond fuq imsemmi l-oġġetti biss indikati bin-numri 1, 2 u 3 fl-imsemmija lista, u dana fiż-żmien ġimgħa mil-lum; u tiċħad l-istess talba in kwantu tirrigwarda l-oġġetti kollha l-oħra ndikati fil-lista fuq riferita.

L-ispejjeż għandhom jiġu sopportati terz mill-attur u żewġ terzi mill-konvenuta.